MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1933/1996/1

**“A”**

**vs.**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta’ Gunju 1996 a fol. 2 tal-process li kienet giet prezentata bin-numru 1933/96/VDG kif jidher mill-istess citazzjoni pprezentata man-nota attrici datata 7 ta’ April 2005, f’liema citazzjoni gie premess:-

Illi l-attrici kienet izzewget lill-konvenut fis-19 ta’ Mejju 1978, fil-knisja tal-Kapuccini, Furjana, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg annes Dok. “A”;

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal minn dan iz-zwieg, “C” li ghandha hmistax-il sena u “D” li ghandha erbatax-il sena, u l-attrici tixtieq li zzomm il-kura u l-kustodja taghhom;

Illi z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici, u billi l-hajja konjugali saret impossibbli;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghal din il-kawza skond id-digriet tas-7 ta’ Marzu 1996, hawn ezebit u markat Dok. “B”;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet, u dan minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici, u minhabba li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment u l-hajja konjugali saret impossibbli bi htija tal-konvenut;

(2) Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akwisti bejn il-partijiet;

(3) Tillikwida din il-komunjoni ta’ l-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsiti f’dak kollu li jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

(4) Tiddividi din il-komunjoni ta’ l-akkwisti hekk likwidata f’zewg porzjonijiet ugwali, liema porzjonijiet jigu assenjati lil kull wahda mill-partijiet, wara li, jekk ikun mehtieg, jigi nominat biex jaghmel il-likwidazzjoni u pjan ta’ divizzjoni, u jigi nominat Nutar biex jircievi u jippublika l-Att relattiv, u kuraturi ghall-eventwali kontumaci fuq l-istess Att;

(5) Tafda l-kura u kustodja tat-tfal minorenni tal-partijiet lill-attrici;

(6) Tikkundannah ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja ghaliha u ghat-tfal, li tigi ffissata mill-Qorti, u dan taht dawk il-modalitajiet ta’ lok, hin u zmien li tordna din il-Qorti;

(7) Tapplika kontra l-konvenut, interament jew *in parte* d-dispozizzjoni ta’ l-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, u bl-ingunzjoni kontra l-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol.5 sa fol. 8 tal-process;

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh l-ewwel darba quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tal-21 ta’ Marzu 1997 kif jidher minn kopja ta’ l-avviz tas-smiegh tal-kawza esebit bhala Dok. “PBO 3” a fol. 6 tal-process.

Rat id-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 7 ta’ Marzu 1996 fejn il-mara giet awtorizzata tipprocedi ghall-procedura ta’ separazzjoni minn l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo, b’dan li l-kura u l-kustodja giet fdata f’idejn l-istess omm bi dritt ta’ access favur il-missier b’mod liberu peress li l-partijiet jghixu flimkien u l-missier gie ordnat ihallas manteniment *pendente lite* ta’ Lm30 kull gimgha ghall-minuri fir-residenza ta’ l-omm b’effett mid-data ta’ l-istess digriet u ghall-ispejjez tad-dar konjugali l-istess intimat gie ordnat jikkontibwixxi 60% ta’ l-istess u r-rikorrenti 40% minnhom, u dan kollox wara rikors tal-mara datat l-1 ta’ Settembru 1995, kollox kif jidher a fol. 7 u 8 tal-process bhala Dok. “PBO 4” u Dok. PBO 5”.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 9 u 10 tal-process datata 24 ta’ Jannar 1997 fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li kienet l-attrici stess li tat lok ghat-tifrik taz-zwieg bejniethom.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 9 u 9a tal-process fejn l-istess konvenut iddikjara bil-gurament tieghu:-

(1) Illi l-konvenut izzewweg lill-attrici fis-19 ta' Mejju 1978, fil-Knisja tal-Kapuccini, Floriana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness bhala dokument "A" mac-citazzjoni ta' l-attrici;

2. Illi z-zwieg tfarrak irremedjabbilment minhabba eccessi, mohqrija, theddid offizi gravi u swat da parti ta' l-attrici u mhux *vice versa;*

3. Illi l-konvenut ghamel diversi tentattivi ta' rikonciljazzjoni bejniethom li kollha rrizultaw negattivament;

4. Illi mhux minnu li l-konvenut ghandu problemi ta' xorb, izda kif ser jirrizulta mill-provi kienet dejjem l-attrici li kienet iggieghel lill-konvenut jemmen li kellu problema tax-xorb;

5. Illi kuntrajament ghal dak li tesponi l-attrici fid-dikjarazzjoni taghha, u cioe` li l-konvenut naqas mid-doveri tieghu lejn il-familja, il-konvenut dejjem qeda d-doveri tieghu kemm ta' ragel kif ukoll ta' missier. Dawn id-doveri jirrifflettu wkoll meta l-konvenut laqgha fid-dar konjugali tal-partijiet il-genituri ta' l-attrici li ghal zmien kellhom bzonn l-ghajnuna fizika tal-familja;

6. Illi l-attrici kienet dejjem hija li tibda l-glied fost il-partijiet kemm bil-fomm u insulti kif ukoll b'attakki vjolenti fuq il-konvenut bi swat u daqqiet kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-lista tax-xhieda a fol 9a tal-process.

Rat in-nota ta' "B" tas-7 t'April 2005 fejn permezz taghha gie prezentat l-inkartament kollu li kien fil-*file* tal-konsulent legali tieghu Dr Paul Borg Olivier, peress li l-process originali gie mitluf u konsegwenti ghall-ordni ta' din il-Qorti sabiex l-istess process jigi rikostruwit.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Chris Cilia a fol.10 sa fol.26 datati 12 ta' Novembru 1997 fejn ma sar xejn; 15 ta' Novembru 1999, 11 ta' April 2002 u 9 ta' Mejju 2002 fejn xehdet l-attrici; tad-9 ta' Mejju 2002 fejn xehdu ulied il-kontendenti Ritienne Mamo li dak in-nhar kellha 21 sena, u "D" Mamo li dak in-nhar kellha 20 sena.

Rat l-affidavit tal-konvenut **"B" (**fol.27) u d-dokumenti hemm esebiti (fol 31 sa 35).

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-21 ta' Marzu 1997 u tas-27 ta' Mejju 1997 fejn l-attrici tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smiegh u l-kawza giet differita ghat-3 ta' Gunju 1997.

Rat il-verbal tat-3 ta' Gunju 1997 quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li ma jsibu l-ebda oggezzjoni li l-kawza tinstema' min din l-Qorti kif dak in-nhar presjeduta minkejja li l-Imhallef dak in-nhar sedenti kien l-Imhallef li kien ittratta l-kawza fis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili. Il-Qorti nnominat lil Dr Chris Cilia bhala Assistent Gudizzjarju biex jigbor il-provi kollha permessi bil-ligi, u ddifferiet il-kawza ghall-finali trattazzjoni ghall-4 ta' Novembru 1997.

Rat il-verbali tal-4 ta' Novembru 1997 u tad-29 ta' Jannar 1998, fejn il-Qorti ikkonvertiet l-inkarigu tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Christopher Cilia f'wahda ta' espert legali u l-kawza giet differita ghar-rapport ghall-14 ta' Mejju 1998.

Rat il-verbal tal-14 ta' Mejju 1998 fejn il-Qorti issollecitat l-espert legali biex jerga' jibda jigbor il-provi u l-kawza giet differita ghad-29 ta' Ottubru 1998.

Rat il-verbali quddiem din il-Qorti hekk diversament presjeduta tad-29 ta' Ottubru 1998, tat-12 ta' April 1999, tad-29 ta' April 1999, tas-6 ta' Mejju 1999, tal-14 ta'

Ottubru 1999, tas-16 ta' Marzu 2000, tat-23 ta' Gunju 2000, tal-11 ta' Dicembru 2000 u tat-3 ta' Lulju 2001.

Rat ir-rikors ta' **"B"** datat 31 ta' Awissu 2001, rat id-digriet ta' din il-Qorti hekk kif attwalment presjeduta tal-15 ta' Frar 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex izomm zewg (2) seduti ghall-provi kollha tal-attrici, u wara liema seduti, tali provi tal-attrici ghandhom jigu dikjarati bhala maghluqa u l-konvenut jista' jibda bil-provi tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2001, quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti tat-13 ta' Frar 2002 u tad-9 ta' Mejju 2002 fejn fl-ahhar seduta hawn imsemmija din il-Qorti kif kostitwieta llum ikkonfermat id-digriet taghha ta' l-ahhar seduta u tat lill-konvenut erbghin (40) gurnata biex jipprezenta l-affidavits tieghu, l-kawza giet differita ghall-5 ta' Novembru 2002 sabiex dakinhar l-Assistent Gudizzjarju jisma' l-provi kollha.

Rat in-nota tal-**konvenut "B"** datata 29 ta' Ottubru 2002 a fol 59 tal-process fejn huwa ipprezentata l-affidavit tieghu stess mahluf minnu fl-istess data.

Rat il-verbal tal-5 ta' Novembru 2002 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata tal-affidavits tal-konvenut ghall-ahhar darba b'ghoxrin (20) jum mid-data tas-seduta u ordnat lil Dr Chris Cilia biex b'ordni tal-Qorti u wara tali terminu ta' l-affidavits jiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut, liema seduti kellhom jigu ffissati sal-20 ta' Jannar 2003, u wara liema seduti l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-5 ta' Frar 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 5 ta' Novembru 2002 fejn talab l-isfilz tad-dokumenti pprezentati mill-attrici, li jikkontjenu certifikati ta' Dottoressa Mariella Blackman.

Rat in-nota responsiva ta' **l-attrici "A"** a fol. 69 tal-process.

Rat id-digriet tad-9 ta’ Dicembru 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-isfilz tal-istess nota *stante* li giet prezentata bla awtorizzazzjoni tal-Qorti u wkoll ghaliex tali dokument ma giex pprezentat skond il-ligi peress li ma kienx lanqas mahluf, kollox kif indikat a fol. 72 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduti kollha (originali) mizmuma mill-Perit Legali Dr. Chris Cilia a fol. 73 sa fol. 115 tal-process.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Frar 2003 fejn Dr. Borg Olivier obbliga ruhu li fi zmien ghoxrin (20) gurnata ghandu jipprezenta nota b’dokument li jindika li l-kirja kienet sa minn qabel iz-zwieg u ddikjara li l-provi tieghu huma maghluqa (fol.116). Id-difensuri talbu li jaghmlu nota t’osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ipprefeggiet terminu ta’ erbghin (40) jum lill-attrici u erbghin (40) jum lill-kontra-parti biex jirrispondi bin-notifiki relattivi. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Mejju 2003 ghall-finali trattazzjoni.

Rat ir-rikors ta’ **“B”** tas-27 ta’ Novembru 2002 a fol. 117–118 fejn l-esponent talab lill-Qorti biex tiffissa rati ghalih u ghall-intimata fil-hlasijiet tal-ispejjes komuni tad-dar konjugali.

Rat ir-risposta datata 4 ta’ Marzu 2003 a fol 120.

Rat il-verbal tas-7 ta’ Mejju 2003 a fol. 130 tal-process fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali biex jghaddi ghar-rapport fuq il-provi li hemm u l-kawza giet differita ghat-3 ta’ Gunju 2003.

Rat il-verbal tat-3 ta’ Gunju 2003, fejn il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-provi ilhom li gew maghluqa mis-sena ta’ qabel u ghalhekk il-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-Perit Legali u ordnatlu jirritorna il-process u l-kawza giet differita ghat-23 ta’ Ottubru 2003 ghall-finali trattazzjoni.

Rat il-verbal tat-23 ta’ Ottubru 2003 fejn il-Perit Legali, Dr Chris Cilia, msejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Il-Qorti ordnatlu li jirritorna l-process minnufih, taht sanzjoni ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti. L-kawza giet differita ghal

dan l-iskop u ghall-finali trattazzjoni ghad-29 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota tal-konvenut tat-23 ta’ Ottubru 2003 a fol 134 sa 137 li permezz taghha esebixxa kopja ta’ skrittura ta’ kera bhala Dok. “LD 1” tal-fond Flat 6, Block F3, Housing Estate, Ta’ Xbiex.

Rat il-verbal tad-29 ta’ Jannar 2004 fejn gie nnutat li l-process ghadu ma giex ritornat u l-kawza giet differita ghall-1 ta’ Gunju 2004 sabiex il-Perit Legali jirritorna l-process.

Rat il-verbal ta’ l-1 ta Gunju 2004 a fol 139 tal-process fejn il-Perit Legali Dr Chris Cilia nforma lill-Qorti li hu qatt ma kellu l-process fil-pussess tieghu. Dr Cilia rritorna biss l-atti tas-seduti li saru quddiemu u dan *seduta stante.* Il-Qorti ordnat ir-rikostruzzjoni tal-process u sadanittant ordnat ukoll komunika lir-Registratur tal-Qorti Civili u Tribunali sabiex jinstab il-process mitluf u din il-komunika saret fit-8 ta’ Gunju 2004 kif jidher fil-parti ta’ fuq tal-pagna 139 tal-process. Il-kawza giet differita ghall-11 ta’ Novembru 2004 ghal dan l-iskop.

Rat il-verbali 11 ta’ Novembru 2004, tat-28 ta’ April 2005, u tat-8 ta’ Novembru 2005 fejn fl-ahhar seduta dehru l-partijiet u Dr. Mark Busuttil ghall-attrici u Dr Borg Olivier ghall-konvenut. Dr. Borg Olivier iddikjara li l-konvenut huwa interessat biss fil-kamra tieghu u l-kcina li jiehu hsieba hu. Jidher li f’dan l-istadju l-kwistjoni hi ta’ min ha jibqa’ jghix fid-dar matrimonjali. Il-konvenut jippretendi li din hi parafernali tieghu. Id-difensuri qablu li tfal minuri ma hemmx u li l-partijiet it-tnejn jahdmu u talbu li jpprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ipprefeggiet terminu ta’ erbghin (40) jum lill-attrici biex tipprezenta n-nota bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) jum biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett’ostakolo ghat-28 ta’ Frar 2006. Id-difensuri qablu li l-atti kollha relattivi illum jinsabu fil-process.

Rat in-nota t' osservazzjonijiet ta' "A" datata 19 ta' Dicembru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet u f'din il-kawza kull parti qed twahhal fil-parti l-ohra li kienet il-kawza tas-separazzjoni personali; din il-Qorti thoss li wara ezami tal-provi kollha prodotti thoss li l-verzjoni ta' l-attrici hija iktar kredibbli u dan ghaliex hija aktar verosimili u wkoll giet ikkorroborata mix-xhieda ta' ulied il-kontendenti stess, "C" u "D", t-tnejn maggorenni, li wkoll ikkonfermaw il-vendikazzjonijiet ta' kuljum li l-istess attrici kellha tissoggetta ruhha ghalihom tul hafna snin taz-zwieg mal-konvenut, sitwazzjonijiet li fihom bla ebda dubju batew ukoll ulied l-istess kontendenti, u hemm fl-istess xhieda indikata li nghatat mill-istess attrici u l-istess ulied il-kontendenti sensiela shiha ta' atti kattivi li l-istess konvenut ikkometta *verso* l-attrici u l-istess uliedu, fosthom li ma jhalliex lil uliedu stess juzaw ambjenti u *appliances* tad-dar, u diversi atti ta' vjolenza domestika anke b'tisbit u tahbit u storbju fuq affarijiet fid-dar u wkoll theddid kontinwu fil-konfront ta' l-attrici u wliedha, tant li dan il-komportament ta' pika u vendikazzjonijiet kontinwi jidher li sehhu wkoll waqt il-mori ta' din il-kawza u hawn il-Qorti tirreferi ghax-xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju a fol. 11 sa fol. 26 tal-process fis-seduti fuq elenkati.

Illi apparti dan jidher li l-istess konvenut kien wkoll xhih ma' l-attrici u wliedu u dan gie kkonfermat mix-xhieda skjeta ta' uliedu stess u l-martirju li l-istess partijiet ghaddew minnu.

F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-konvenut fl-affidavit tieghu ma tistax tigi accettata, ma hijiex veritiera, anke ghaliex hija kontradetta mix-xhieda kollha l-

ohra prodotta f'din il-kawza, u fil-fatt l-istess xhieda tieghu ma hija bl-ebda mod korroborata, b'dan ghalhekk li din il-Qorti thoss li l-istess xhieda tal-konvenut ma giex ippruvata u ghalhekk l-istess konvenut naqas mill-oneru ta' prova li kien jispetta lilu u cjoe' dak li jipprova l-allegazzjonijiet minnu vantati. Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha *stante* li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi *da parte* tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici u wlieda u kawza ta' dan iz-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment.

Illi din il-Qorti tilqa' it-tieni talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi dwar il-hames talba tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess *stante* li ma hemmx ulied minorenni, u minhabba dan tichad dik il-parti tas-sitt talba li tirreferi ghall-hlas ta' manteniment tal-minuri ghaliex illum ma ghadhiex rilevanti.

Illi dwar it-talba ta' manteniment favur l-attrici, din il-Qorti tiddikjara li llum tastjeni mill-istess talba peress li kull parti ghandha l-impjieg u l-introjtu taghha, ghalkemm l-istess attrici qed jinzammilha ferm id-dritt ta' manteniment skond il-ligi jekk jikkonkorru c-cirkostanzi indikati fil-ligi.

Illi dwar is-seba' talba din il-Qorti thoss li minhabba l-agir gravi tal-konvenut ghandhom jigu applikati kontra tieghu d-dispozizzjonijiet kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** u b'hekk is-seba' talba ghandha tigi milqugha.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti l-provi huma skarsi u din il-Qorti thoss li abbazi tal-ftit provi prodotti u minhabba dak fuq premess u *arbitro boni viri* l-istess mobbli li hemm fid-dar konjugali ghandhom jigu assenjati lill-attrici bl-eskluzjoni tal-kamra tas-sodda tal-konvenut, u l-affarijiet personali tal-konvenut li qed jigu assenjati lill-konvenut.

Illi dwar id-dar matrimonjali Flat 6, Block F3, Housing Estate, Ta' Xbiex li tinsab b'titolu ta' kera din il-Qorti thoss

li l-istess kirja ghandha anke bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 55 A tal-Kap 16** tigi assenjata lill-attrici b’dan li din il-Qorti tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali bl-eskluzjoni tal-konvenut, li fi zmien qasir u perentorju ta’ tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza ghandhu johrog u jizgombra mill-istess fond immobbli u jiehu mieghu biss il-kamra tas-sodda fuq indikata u lbies u hwejjeg personali tieghu. B’effett mid-data minn meta l-istess konvenut ma jibqax jghix fil-fond hawn indikat l-istess attrici tkun responsabbli ghall-hlas tal-kera u tas-servizzi kollha ta’ l-istess dar; b’dan ghalhekk li sad-data meta dan effettivament isehh l-ispejjez u servizzi kollha tad-dar, bhal dawl, ilma, telefon, kera u spejjez rikorrenti ghandhom jithallsu skond il-persentagg indikat fid-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili indikat a fol. 8 tal-process bhala Dok. “PBO 5”.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames u sitt talba attrici, tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-partijiet, u dan minhabba eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tal-konvenut kontra l-attrici, u li kawza ta’ l-istess agir *da parte* tal-konvenut iz-zwieg bejn il-partijiet tfarrak irrimedjabbilment u l-hajja konjugali saret impossibbli bi htija tal-konvenut;

(2) Tilqa’ din it-talba u tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akwisti bejn il-partijiet b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

(3) u (4) Tillikwida u tiddividi l-komunjoni ta’ l-akkwisti bil-mod indikat iktar ‘il fuq f’din is-sentenza b’dan li minhabba r-ragunijiet premessi l-istess mobbli li hemm fid-dar konjugali qed jigu assenjati lill-attrici bl-eskluzjoni tal-kamra tas-sodda tal-konvenut, u l-affarijiet personali tal-konvenut li qed jigu assenjati lill-istess konvenut.

Illi dwar id-dar matrimonjali Flat 6, Block F3, Housing Estate, Ta' Xbiex li tinsab b'titolu ta' kera din il-Qorti thoss li l-istess kirja ghandha anke bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16** tigi assenjata lill-attrici b'dan li din il-Qorti tawtorizza lill-attrici tghix fid-dar konjugali bl-eskluzjoni tal-konvenut, li fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza ghandu johrog u jizgombra mill-istess fond immobbli u jiehu mieghu biss il-kamra tas-sodda fuq indikata u lbies u hwejjeg personali tieghu. Din il-Qorti tordna wkoll li b'effett mid-data minn meta l-istess konvenut ma jibqax jghix fil-fond hawn indikat l-istess attrici tkun responsabbli ghall-hlas tal-kera u tas-servizzi kollha ta' l-istess dar; b'dan ghalhekk li sad-data meta dan effettivament isehh l-ispejjez u servizzi kollha tad-dar, bhal dawl, ilma, telefon, kera u spejjez rikorrenti ghandhom jithallsu skond il-persentagg indikat fid-digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili indikat a fol. 8 tal-process bhala Dok. "PBO 5".

(5) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li l-ulied ma humiex minorenni.

(6) Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba peress li ulied il-kontendenti huma llum maggorenni u fil-konfront ta' l-attrici, jirrizulta li llum l-attrici ghandha impjieg u introjtu taghha b'dan li jibqa' riservat favur taghha kull dritt indikat f'din is-sentenza u li jinsab indikat iktar 'il fuq.

(7) Tapplika kontra l-konvenut, interament id-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------